**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2963**

**Illum 10 ta' Jannar 2024**

**Chairperson: Dr Charmaine Cristiano Grech**

**Każ Numru: 3408/CCG**

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

**Nazzareno magħruf bħala Reno Gili (K.I. 509571M)**

**u**

**Eximus Services Limited (C48905)**

**Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta

**PRELIMINARI:**

Ir-rikorrent Nazzareno sive Reno Gili intavola rikors tramite l-avukat tiegħu l-Avukat William Cuschieri fejn iddikjara li hu kien impjegat mas-soċjetà intimata abbażi ta' kuntratt ta' impjieg indefinit għal sentejn u disa' xhur fl-irwol ta'

‘cleaner/delivery-person’, u li fit-28 ta’ Settembru 2015, l-impjieg tiegħu ġie itterminat, u li jemmen li tali terminazzjoni kienet inġusta. Fid-dikjarazzjoni tiegħu ir-rikorrent jallega li intalab jidħol għax-xogħol nhar ta’ Sibt fl-14 ta’ Settembru 2015, u li huwa informa lid-direttur tas-soċjetà intimata li ma setax, u ġie informat li se jsiru arranġamenti li jinstab ħaddieħor minfloku. Meta fit-18 ta’ Settembru, l-istess direttur fakkar lir-rikorrent sabiex jidħol għax-xogħol l-għada s-Sibt, u r-rikorrent fakkru li kienu fthemu mod ieħor, id-direttur keċċieh.

Fir-risposta tagħha, is-soċjetà intimata iddikjarat illi r-rikorrent abbanduna l-impjieg tiegħu meta huwa ma attendiex għax-xogħol nhar ta’ Sibt meta intalab jagħmel hekk (li s-soċjetà tallega hija prassi normali). Lejlet is-sibt 19 ta’ Settembru, ir-rikorrent informa lis-soċjetà li l-għada ma kienx dieħel għax-xogħol mingħajr preavviż, u l-ġurnata xogħol kellha titħassar minħabba fih, u wara dan ir-rikorrent qatt ma irritorna għax-xogħol.

## Sinteżi tax-Xhieda

Xehed **Anthony Vella,** id-diriġent tas-soċjetà intimata, liema soċjetà topera fil-qasam tal-importazzjoni, teleshopping, u bejgħ ġenerali. Ix-xhud jgħid li peress li f’Settembru kien hemm żewġ festi, fil-ġimgħa ta’ bejniethom ordna li jsiru deliveries nhar is-Sibt 19 ta’ Settembru 2015, u avża lill-ħaddiema t-Tnejn jew it-Tlieta ta’ qabel. Jgħid li r-rikorrent informah li ma setax jattendi għax-xogħol dakinhar, u x-xhud talbu biex jagħmel arranġamenti sabiex jattendi. Taħt kontro eżami jikkonferma li dan ma kienx jiġri ta’ spiss, u li meta kien jiġri hekk ir-rikorrent dejjem kien jirraġna sabiex jidħol għax-xogħol, u jiċħad li nforma lir-rikorrent li ser jipprova jirranġa mod ieħor. B’danakollu jgħid li matul dik il-ġimgħa ma reġax kellem lir-rikorrent dwar dan qabel il-Ġimgħa filgħaxija. Meta x-xhud sellem lill-ħaddiema nhar il-Ġimgħa 18 ta’ Settembru 2015 qabel telqu mil-lant tax-xogħol u qalilhom li jarahom l-għada, ir-rikorrent informah li ma kienx se jidħol. Ix-xhud jiċħad li kien informa lir-rikorrent li seta’ jsib lil ħaddieħor jaħdem floku fil jum tas-Sibt in kwistjoni, u ċaħad li beda jargumenta, jirrabja, isabbat u jidgħi skont kif allega r-rikorrent, u wisq anqas ma qallu sabiex ma jersaqx iżjed għax-xogħol, iżda nformah li jekk ma kienx se jidħol għax-xogħol fid-19 ta’ Settembru, dak kien ifisser li qed jabbanduna l-impjieg. Meta r-rikorrent ma ġiex għax-xogħol, ix-xhud kellu jirranġa xi xogħol ieħor biex jibgħat xufier ieħor għax-xogħol tar-rikorrent, iżda f’seduta sussegwenti indika li d-deliveries ma sarux meta r-rikorrent ma daħalx għax-xogħol, u weħel spejjeż żejda sabiex is-segretarja tqassamhom f’dati oħra. Ix-xhud jindika li kienet ħaġa normali li l-

impjegati jintalbu jaħdmu s-Sibt, tant li f'xi perjodi dan ikun b'mod regolari. Taħt kontro eżami, ix-xhud jikkonferma li ġieli kien hemm problemi tal-attendenza mar-rikorrent iżda qatt ma nħarġet twissija formali.

Xehed **Paul Mallia,** illum irtirat, li qatta' madwar erba' snin impjegat mas-soċjetà intimata bħala uffiċjal klerikali. Jirrakkonta li darba nhar ta' Ġimgħa fil-ħin ta' tmiem ix-xogħol sema' kommozzjoni fil-kuritur barra mill-uffiċċju open-plan, fejn sema' lil Tony (Anthony) Vella jgħid lir-rikorrent li ser jabbanduna l-impjieg jekk ma jmurx għax-xogħol, u li jekk ma jidħolx dakinhar jista' ma jidħol qatt. Jgħid li sema' għajjat kemm mir-rikorrent kif ukoll mis-sur Vella, iżda ma jiftakarx jekk kienx hemm dagħa. Ix-xhud jikkonferma li hu ma kienx jaħdem nhar ta' Sibt, iżda ħaddiema oħra iva. Meta mistoqsi taħt kontro eżami dwar jekk is-sur Vella ordnalux sabiex l-aħħar paga tar-rikorrent ma tinħariġx (peress li huwa kien jaħdem il-pagi), ix-xhud wieġeb biss li kien inċert u ma setax jiftakar. Jikkonferma wkoll li hu kien li mela l-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent fejn immarka 'riżenja' bħala r-raġuni tat-terminazzjoni, u dan mingħajr ma tkellem mar-rikorrent dwar dan (ara aktar 'l isfel, ix-xhieda ta' Joseph Saliba, rappreżentant tal-Jobsplus). Ix-xhud lanqas ma seta' jiftakar jekk qatt kienx hemm xi inċidenti oħra ta' dan it-tip mar-rikorrent.

Xehdet **Vanessa Debattista**, li ilha sitt snin Administrative Officer mas-soċjetà intimata. Hija tikkonferma li d-delivery-presons jaħdmu nhar ta' Sibt, u li filfatt ir-rikorrent ġieli ħadem dakinhar fuq deliveries, skont l-eżiġenzi tax-xogħol. Ix-xhud tikkonferma li l-Ġimgħa fl-aħħar tal-ġurnata ir-rikorrent informa lil Anthony Vella li ma kienx dieħel għax-xogħol, wara li r-rotta tad-deliveries kienet diġà ġiet ippreparata. Ix-xhud ma tiftakarx jekk semgħetx dagħa, kliem ħażin jew tisbit, u lanqas jekk semgħatx lis-sur Vella jgħid lir-rikorrent li jekk ma kienx se jidħol għax-xogħol is-Sibt, seta' ma jerġax imur għax-xogħol. Ix-xhud tgħid li nhar it-Tnejn filgħodu il-ħaddiema stennew lir-rikorrent jiġi għax-xogħol iżda ma tfaċċax, iżda ma tiftakarx jekk wara dan reġgħetx kellmet lir-rikorrent.

Xehed **ir-rikorrent,** li jikkonferma li qatt ma kien ingħata lista tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu. Jgħid li għal madwar xahrejn u nofs ma kienx daħal darba nhar ta' Sibt minħabba nuqqas fix-xogħol, iżda meta ntalab jidħol fis-Sibt in kwistjoni huwa informa lis-sur Vella li ma setax, u li s-sur Vella informah li ser isib lil ħaddieħor minfloku. Ix-xhud ikompli jgħid li nhar il-Ġimgħa filgħaxija is-sur Vella informah li ma sab lil ħadd sabiex jidħol minfloku għas-Sibt, u li għaldaqstant kien se jkollu jidħol hu, li meta r-rikorrent fakkru li kien informah li ma setax jattendi dakinhar, kien hemm xi għajjat u storbju. Ix-xhud jisħaq li impjegati oħra li

jagħmlu deliveries kien hemm madwar sitta. Ikompli jgħid li s-sur Vella informah li jekk ma kienx se jmur għax-xogħol, dan kien ifisser li jkun qed jirrifjuta x-xogħol, u sussegwentament il-formola tat-terminazzjoni ġiet sottomessa lill-ETC mis-soċjetà intimata bir-raġuni ta' 'riżenja', iżda ma appellax minn din id-deċiżjoni. Ir-rikorrent jgħid li t-Tnejn ta' wara ċempel lis-sur Vella darbtejn, fejn dan tal-aħħar informah li ma kellux għalfejn jidħol lura għax-xogħol, iżda f'seduta sussegwenti, ir-rikorrent jisħaq li wara s-Sibt qatt ma kellu komunikazzjoni mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent iżid li kellmitu Vanessa Debattista fuq Facebook, wara li din rat reklam għall-irwol ta' *delivery-person* mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent jgħid ukoll li l-aħħar paga u l-bonuses ma tħallsux lilu, iżda li qatt ma ħa l-passi legali meħtieġa sabiex jirkuprahom. Meta mistoqsi taħt kontro eżami jekk ma kienx jieħu gost meta kien jintbagħat fuq xogħol ta' tindif, ir-rikorrent saħaq li ma kienx jieħu gost peress li l-irwol tiegħu kien ta' delivery-person, iżda kien imur xorta meta ordnat.

Xehed **Joseph Saliba,** rappreżentant ta' Jobsplus, li ippreżenta il-formola tar-reġistrazzjoni tal-impjieg, flimkien mal-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg, fejn din tal-aħħar tindika li r-raġuni tat-terminazzjoni hija "Resigned".

Xehed **Jurgen Scerri,** eks-impjegat tas-soċjetà intimata, li kien jaqdi diversi doveri inkluż deliveries skont il-bżonn.

Xehed **Redent Compagno,** eks-impjegat tas-soċjetà intimata, li kien jassisti fid-deliveries (iżda ma jsuqx hu). Jgħid li ġieli ħareġ fuq deliveries mar-rikorrent. Jgħid li ma jidhirlux li qatt ħadem nhar ta' Sibt.

Xehed **Natalino Camilleri,** eks-impjegat tal-Omajco Cleaners. Fost doveri oħra ġieli qeda dmirijiet ta' driver tan-nies, iżda ftit li xejn qatt ħareġ bid-deliveries. Jikkonferma li xi drabi ħadem nhar ta' Sibt.

Xehed **Mario Camilleri,** eks-impjegat tas-soċjetà intimata, li kien jaqdi diversi doveri inkluż deliveries skont il-bżonn. Jikkonferma li xi drabi ħadem nhar ta' Sibt.

Xehed **Simon Micallef,** eks-impjegat tas-soċjetà intimata, li kien jaqdi diversi doveri iżda ftit li xejn kien jagħmel deliveries. Jgħid li Mario Camilleri ma kienx jagħmel deliveries.

Xehed **Martin Vassallo,** impjegat tas-soċjetà intimata, li jaqdi diversi doveri inkluż deliveries skont il-bżonn inkluż deliveries, ġeneralment ma' ħaddieħor u mhux waħdu. Jikkonferma li xi drabi ħadem nhar ta' Sibt.

Xehed **Joseph Micallef,** eks-impjegat tas-soċjetà intimata, li kien jaqdi diversi doveri skont il-bżonn.

## Sinteżi tas-Sottomissjonijiet

L-Avukat Andrew Grima għas-soċjetà intimata jisħaq li l-istess soċjetà ma tistax tinstab ħatja ta' tkeċċija inġusta stante li kien ir-rikorrent stess li abbanduna l-impjieg wara li dan ma marx għax-xogħol fid-19 ta' Settembru 2015, u li l-fatti hekk ki ippreżentati mis-sur Anthony Vella jixhdu dan, partikolarment fejn dan insista mar-rikorrent sabiex jagħmel l-arranġamenti biex ikun jista' jidħol għax-xogħol, u li ma huwiex minnu li t-tnejn qablu li s-sur Vella kellu jsib lil ħaddieħor minflok ir-rikorrent. Is-soċjetà tikkontendi li kien id-dmir tar-rikorrent li jirrapporta għax-xogħol nhar ta' Sibt, għaliex din kienet ħaġa regolari. Is-soċjetà timplika wkoll li r-rikorrent kellu wkoll il-ħsieb li eventwalment jitlaq mix-xogħol, għaliex is-sur Vella spjega li sar jaf li r-rikorrent ma kienx seta' jidħol għax-xogħol fil-jum in kwistjoni għaliex kien sejjer jara bottegin biex jiftaħ bar.

Dwar it-termination form, is-soċjetà intimata tikkontendi li din intbagħtet 'il fuq minn xahar wara t-tmiem tal-impjieg għaliex riedet taċċerta ruħha li r-rikorrent verament ma kienx se jirritorna għax-xogħol. Dan huwa sostnut mill-fatt li meta r-rikorrent mar l-ETC, huwa stess ikkonferma li kien impjegat sat-18 ta' Settembru 2015. Huwa sottomess ukoll li r-raġuni imsemmija fil-formola hija 'Resigned' għaliex fl-istess formola, ma kienx hemm imniżżla l-għażla ta' 'Abbandun tal-post tax-xogħol'. Din it-termination form lanqas ma ġiet ikkontestata mir-rikorrent.

L-Avukat William Cuschieri għar-rikorrent issottometta illi la kien minnu li r-rikorrent abbanduna x-xogħol, u wisq anqas li rriżenja mill-impjieg tiegħu. Jgħid illi r-rikorrent ġie mitlub jidħol għax-xogħol nhar ta' Sibt wara li kien ilu madwar xahrejn ma jiġi hekk mitlub, u li meta informa lis-sur Anthony Vella li dakinhar kien kostrett bi pjanijiet oħra, dan tal-aħħar informah li se jsib lil ħaddieħor, iżda li lejlet il-jum tas-Sibt in kwistjoni, is-sur Vella talbu jidħol għax-xogħol u meta r-rikorrent irrifjuta, qamet kwistjoni sħiħa u keċċa lir-rikorrent, tant illi ftit jiem wara ittela' reklam għal *delivery-man.* Ir-rikorrent jissottometti wkoll li dan ġie segwit b'telefonata fejn is-sur Vella talbu jiffirma dikjarrazjoni li tgħid li huwa kien irriżenja.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal fela u qies bir-reqqa l-argumenti, ix-xhieda u l-provi sottomessi mill-partijiet u d-difensuri tagħhom sabiex janalizza l-fatti tal-każ u jasal għall-konklużjoni tiegħu dwar jekk fil-kwistjoni odjerna kienx hemm tkeċċija inġusta jew le.

L-ewwel punt li mingħajr ebda dubbju jitqajjem f'dan il-każ hu l-fatt li kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent (jew imqar dokument li jelenka l-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol) huwa nieqes. Din il-kwistjoni timpinġi unikament fuq il-fatt dwar jekk ir-rikorrent kienx kuntrattwalment obbligat jidħol għax-xogħol nhar ta' Sibt jew le, u jekk għaldaqstant kellux id-dritt li jirrifjuta li jaħdem dakinhar. In-nuqqas ta' kuntratt tal-impjieg jew dikjarazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-impjieg bil-miktub li kapaċi jelenkaw x'inhuma l-jiem regolari tax-xogħol fost il-ġimgħa joħloq dubju f'dan ir-rigward.

Għalekk, dan it-Tribunal jista' jistrieħ biss fuq ix-xhieda prodotta. Apparti r-rikorrent innifsu, xehedu diversi kollegi u eks-kollegi tiegħu matul dawn il-proċeduri li ikkonfermaw li d-*delivery-persons* xi drabi kienu jiddaħlu jaħdmu nhar ta' Sibt, pero huwa ċar li din ma kinitx prassi regolari. Għaldaqstant jidher biċ-ċar illi xogħol nhar ta' Sibt kien ikun b'mod eċċezzjonali u mhux bħala parti mill-jiem u s-siegħat regolari matul il-ġimgħa tax-xogħol. Huwa ċar ukoll li r-rikorrent ma kienx jaħdem fuq bażi ta' *shift* iżda fuq bażi ta' ġimgħa tax-xogħol regolari, li inoltre jindika li x-xogħol nhar ta' Sibt kien ikun avveniment irregolari u mhux tas-soltu, minkejja li ma kienx l-ewwel darba li sar hekk.

Filwaqt li min jimpjega għandu kull dritt li jitlob lill-impjegati jidħlu jaħdmu *overtime,* għandu jitqies ukoll li fil-kwistjoni odjerna s-sitwazzjoni ma kinitx waħda fejn il-ħaddiema intalbu jaħdmu ftit siegħat żejda wara l-ħin regolari tax-xogħol, iżda intalbu sabiex jidħlu għax-xogħol fil-*weekend.* Filwaqt li dan it-Tribunal jifhem l-eżiġenzi tal-impriża partikolarment fiż-żmien fejn insertaw żewġ festi fuq xulxin fost il-ġimgħa, min jimpjega ma jistax jippretendi li impjegat jaqleb il-ħajja personali ta' taħt fuq sabiex jakkomoda t-talbiet irregolari ta' min iħaddmu, u dan  speċjalment fejn ma jeżisti l-ebda kuntratt tal-impjieg li jippermetti dan. Di fatti, fil-każ tar-rikorrent, huwa kellu appuntament importanti fil-jum tas-Sibt li intalab jidħol għax-xogħol li saħaq li ma setax jikkanċellah.

Naturalment hemm dubbju dwar jekk huwiex minnu li l-imgħallem tar-rikorrent, Anthony Vella, informah li kien ser jipprova jsib lil ħaddieħor jidħol minfloku. Madankollu, jekk għall-grazzja tal-argument dan ma kienx minnu u li fil-verità s-

sur Vella insista li r-rikorrent jirranġa sabiex jidħol għax-xogħol nhar is-Sibt l-14 ta' Settembru, bħala d-diriġent tal-impriża kien sta għas-sur Vella li jerġa' jkellem lir-rikorrent fost il-ġimgħa sabiex jikkonferma għamilx l-arranġamenti neċessarji, u mhux jistenna sa nhar il-Ġimgħa filgħaxija biex jinduna li r-rikorrent ma kienx għamel dak li stenna minnu sabiex l-għada jidħol għax-xogħol. Intant, it-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax li s-sur Vella ma kienx ċar fi kliemu meta mistoqsi dwar x'sar dakinhar l-14 ta' Settembru meta r-rikorrent ma tfaċċax għax-xogħol, fejn f'mument semma li kellu jsib lil ħaddieħor sabiex jidħol minflok ir-rikorrent, u f'mument ieħor qal li kellu jikkanċella d-*deliveries* u jerġa' jassenjahom f'jiem oħra.

B'hekk dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni li filwaqt li ma huwiex kontestat li r-rikorrent u l-kollegi tiegħu ġieli iddaħlu jaħdmu s-Sibt, huwa ċar li dan ma kienx arranġament regolari, u ossia wieħed li jista' jitqies kuntrattwali ai fini tal-kundizzjonijiet bażiċi tal-impjieg tar-rikorrent. B'hekk, huwa inġust li s-soċjetà intimata ippretendiet li r-rikorrent jibdel il-pjanijiet tiegħu fil-jiem tal-frank sabiex jidħol għax-xogħol, u dan b'ħamest ijiem ta' pre-avviż biss.

Dwar il-validità tat-terminazzjoni innifisha, dan it-Tribunal iqis li anke jekk is-soċjetà intimata ġenwinament ħasset illi kellha d-dritt tobbliga lir-rikorrent jidħol għax-xogħol nhar ta' Sibt, ir-reazzjoni ta' terminazzjoni immedjata f'dan il-każ kienet altament sproporzjonata. Dan jingħad in vista tal-fatt li f'kważi tlett snin ta' impjieg, ir-rikorrent ma kien kellu l-ebda kwistjoni dixxiplinarja fuq il-post tax-xogħol.

Għal kull buon fini, it-Tribunal jiddikjara illi ma għandu l-ebda dubbju li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ma kinitx 'riżenja' kif imniżżel fil-formola relattiva tal-ETC, iżda ġie immarkata din l-għażla għaliex f'dak iż-żmien, l-għażla tal-abbandun tal-impjieg ma kinitx ipprovduta.

**<u>Decide</u>**

Wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti prodotti mill-partijiet, u ikkunsidra l-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jsib li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet inġusta.

Bħala kumpens, it-Tribunal qies li r-rikorrent stqarr li dam ifittex xogħol bejn tlett u tmien xhur, iżda ma setax jikkonferma kemm eżattament. Għaldaqstant, dan it-Tribunal qiegħed jakkorda l-ammont globali ta' €6,000 bħala kumpens dovut lir-rikorrent, li għandu jitħallas lilu fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni. Tali kumpens huwa kompost minn €4,000 ekwivalenti għal kważi ħames xhur paga (u dan bħala medja taż-żmien li r-rikorrent iddikjara li safa mingħajr impjieg) flimkien ma €2,000 oħra bħala kumpens diskrezzjonali għat-tbatija sofferta mil-liċenzjament.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)

**Avukat Charmaine Cristiano Grech LL.D.**

**Chairperson**

**Vera Kopja**

Graziella Borg

Għas-Segretarju